## *NOTI IMPORTANTI:*

***Tista' tħalli l-formola flimkien mad-donazzjoni fl-Uffiċċju Parrokkjali, fiċ-Ċentru 19 ta' Novembru 1944 jew mas-sagristan tal-Parroċċa.***

***Jekk se tibgħatha bil-posta l-indirizz huwa:***
***Uffiċċju Parrokkjali, 65 Triq il-Gendus, Bormla BML 1025.***

***Jekk id-donazzjoni tiegħek se tkun b'ċekk għamlu pagabbli lill-:***
***Parroċċa Marija Immakulata, Bormla.***

***Jekk tinkludi n-numru tal-mowbajl fuq il-formola nkunu nistgħu nibagħtulek l-irċevuta b'messaġġ.***

***INTERNET: Ir-ritratti u d-dettalji jistgħu jiġu inklużi kemm fil-ktieb kif ukoll fuq l-internet. Minħabba l-Protezzjoni tad-Data jkun meħtieġ li jkun hemm il-kunsens tal-applikant. Għaldaqstant għandek tikkonferma l-kunsens tiegħek fuq il-formola.***

***Persuni ħajjin li għandhom aktar minn 18-il sena jistgħu jipparteċipaw. Dan ifisser li jekk huma jagħtu l-kunsens tagħhom ħadd ma jkun jista' jirtira dan il-kunsens ħlief huma personalment.***

***L-applikazzjoni tista' titniżżel mill-websajt tal-Parroċċa jew inkella tista' ċċempel wieħed min-numri tat-telefown biex jintbagħtulek id-dar.***

***Qed isiru arranġamenti biex fil-futur viċin l-applikazzjoni u d-donazzjoni jkunu jistgħu jintbagħtu onlajn.***

***N.B. In-nisa miżżewġa jistgħu jdaħħlu wkoll kunjom xbubithom (eż. Mary Borg nee Sultana).***

***F'każ ta' kjarifika jew bżonn għal aktar informazzjoni tista' ċċempel fuq: 79619867 jew 99460104 jew 99805088 jew 21828413 inkella tista' tibgħat imejl fuq l-indirizz elettroniku*** **ilbormlizitakullzmien@gmail.com.**



Fil-gwerra il-Kolleġġjata tagħna ġiet meħlusa mit-tiġrif filwaqt li l-bini tal-madwar iġġarraf. Dan żgur seħħ bl-interċessjoni ta' Omm Beltna. Issa huwa d-dmir tagħna li nieħdu ħsieb li dan it-tempju jinżamm fl-aħjar stat biex jitgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri.

Id-donazzjonijiet kollha li jidħlu mill-"Bormliżi ta' Kull Żmien" se jmorru għal manutenzjoni u rinnovazzjoni tal-Knisja.